# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tal-lum l-Erbgħa 12 ta' Ġunju, 2024.**

**Rikors ġuramentat nru.: 102/2018MH**

**Numru:**

**L-Avukat Cedric Mifsud għan-nom u**

**n rappreżentanza tas-soċjetà' estera ~~Luisa~~[1] Associates S.r.l**

**vs**

**Il-Bastiment M/Y QUEEN MAVIA reġistrat ġewwa**

**Il-Marshall Islands bin-numru uffiċjali 70436 u n-numru**

**1006609.**

Il-Qorti;

[1] "Luise" – Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tas-17 ta' Gunju 2024

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Avukat Cedric Mifsud noe fejn ġie premess u mitlub is-segwenti

1. *Illi is-soċjeta' estera Luise Associate S.r.l. reġistrata ġewwa l-Italja u bin-numru tal-VAT Taljan nru. IT 04841640636 ta' 13, Via Francesco Caracciolo 80122, Napli, l-Italja hija soċjeta' illi tispeċjalizza u toffri diversi servizzi relatati mas-settur marittimu fosthom bħala Aġent ta' Bastimenti u Yachts.*

2. *Illi matul ix-xhur ta' Awwissu u Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) is-soċjeta rikorrenti Luise Associate S.r.l. rendiet servizzi ta' aġenzija lill-bastiment M/Y Queen Mavia illi hija pleasure yacht reġistrata taħt il-bandiera marittima tal-Marshall Islands li għandha in-numru uffiċjali tar-reġistrazzjoni 70436 u in-numru tar-reġistrazzjoni tal-Organizazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) 1006609 waqt illi l-imsemmija yacht kienet tinstab ġewwa l-Italja u tali servizzi jaqgħu taħt l-Artikolu 742B (o) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *Illi s-soċjeta rikorrenti ħarġet ħames fatturi għal dawn l-imsemmijin servizzi illi jikkonsistu f'fatturi dwar il-ħlas dovut lis-soċjeta' rikorrenti għas-servizzi tagħha bħala aġent tal-bastiment kif ukoll proviżjonijiet forniti lill-bastiment, flejjes avvanzati lill-Kaptan tal-bastiment għaż-żamma tal-bastiment waqt illi dan kien jinsab l-Italja u spejjeż oħra inkorsi mis-soċjeta' rikorrenti in konnessjoni mal-bastiment intimat li sal-ġurnata tal-lum għadhom ma ġewx rimborżati lis-soċjeta' rikorrenti.*

4. *Illi komplessivament dawn il-fatturi li jirriflettu is-servizzi mogħtija lill-bastiment intimat jammontaw għas-somma ta' wieħed u erbgħin elf, ħames mija u wieħed u ħamsin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€41,551.66) u dana kif provdut mill-fatturi hawn annessi u mmarkati bħala Dok. A, Dok. B, Dok. Ċ, Dok.D u Dok.E;*

5. *Illi l-imsemmijin fatturi ġew aċċettati mill-bastiment intimat u/jew rappreżentanti tiegħu u ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni illi ġiet mqajma mill-bastiment intimat dwarhom;*

6. *Illi minkejja l-fatt illi s-soċjeta' rikorrenti interpellat diversi drabi lill-bastiment intimat u/jew rappreżentanti tiegħu sabiex jersqu għal ħlas tal-*

*fatturi relattivi, huma baqgħu inadempjenti u għaldaqstant l-bastiment intimat huwa debitur tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' wieħed u erbgħin elf, ħames mija u wieħed u ħamsin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€41,551.66);*

7. *Illi inoltre, din il-pretensjoni tar-rikorrenti nomine fil-konfront tal-bastiment intimat hija koperta bi privileġġ speċjali ai termini tal-artikolu 50 (l) u/jew (m) tal-Kap 234 tal-Liġijiet ta' Malta;*

8. *Illi sabiex jiġi ikkawtelat l-imsemmi kreditu tas-soċjeta' Luise Associates S.r.l, ir-rikorrenti nomine intavola mandat ta' arrrest ta' bċejjeċ tal-baħar kawtelatorju bin-numru 134/2018 quddiem din l-Onorabbli Qorti stante illi l-bastiment preżentament jinsab irmiġġat ġewwa Malta. L-imsemmi mandat kawtelatorju ġie akkordat u għaldaqstant il-bastiment jinsab arrestat ġewwa il-Manoel Island Yacht Marina ta' Manoel Island, Gżira, Malta.*

9. *Illi l-imsemmi ammont ta' wieħed u erbgħin elf, ħames mija u wieħed u ħamsin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€41,551.66) huwa dejn ċert, likwidu u dovut u li ma jikkonsistix fl-eżekuzzjoni ta' xi fatt, mill-bastiment intimat lis-soċjeta rikorrenti u għalhekk fil-fehma tas-soċjeta' rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ, billi fl-umli fehma tal-istess rikorrenti nomine, il-bastiment intimat ma għandux eċċezzjonijiet validi xi jressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont;*

*Jgħid għalhekk l-bastiment intimat għaliex dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex:*

1. *Taqta il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal- Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara illi l-bastiment intimat huma debitur tas-soċjeta' rikorrenti Luise Associates S.r.l. fis-somma ta' wieħed u erbgħin elf, ħames mija u wieħed u ħamsin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€41,551.66) għal diversi servizzi mogħtija lil-bastiment M/Y Queen Mavia matul li kien jinsab irmiġġat ġewwa l-Italja matul ix-xhur ta' Awwissu u Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017);*

3. *Tikkundanna lill-bastiment intimat sabiex iħallas lis-soċjeta' rikorrenti Luise Associates S.r.l. is- somma ta' wieħed u erbgħin elf, ħames mija u wieħed u ħamsin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€41,551.66) għar-ragunijiet kif fuq dettaljati;*

*Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet kontra l-bastiment intimat li jibqgħu minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

Rat li deher il-konvenut u kkontesta il-proċedura ai termini ta' l-artikolu 167 *et. seq* tal-Kap 12.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti fejn ġiet miċħuda li din il-kawża tistema' b'mod sommarju. Għalhekk ġiet miċħuda l-ewwel talba attriċi.[2]

Rat ir-risposta ġuramentata tal-bastiment konvenut[3] fejn ġie eċċepit illi;-

*Illi l-esponent jeċċepixxi bir-rispett:*

1. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante pagament fl-ammont ta' tlieta u tmenin elf, mija u hmistax-il euro u sitt centezmi (€38,115.06), ghas-servizzi rezi mis-socjetà attrici estera Luise Associates S.r.l. lill-bastiment konvenut M/Y QUEEN MAVIA, kif kontenuti fi l-fattura 1899/2017-A datata 13 ta' Dicembru 2017, il-fattura 1907/2017-A datata 14 ta' Dicembru 2017, il-fattura 1908/2017-A datata 14 ta' Dicembru 2017, u l-fattura 1909/2017-A datata 14 ta' Dicembru 2017, li jammontaw ghall-tlieta u tmenin elf, mija u hmistax-il euro u sitt centezmi (€38,115.06).*

2. *Illi subordinatament u minghajr pregjudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li ghalkemm is-socjetà attrici qatt ma infurmat lill-bastiment konvenut b'dawn il-fatturi attwali, u cioè l-fattura 1899/2017-A datata 13 ta' Dicembru 2017, il-fattura 1907/2017-A datata 14 ta' Dicembru 2017, il-fattura 1908/2017-*

[2] Folio 52
[3] Folio 60

*A datata 14 ta' Dicembru 2017, il-fattura 1909/2017-A datata 14 ta' Dicembru 2017, u l-fattura 0012/2018-A datata 24 ta' Jannar 2018, qabel il-hrug tal-mandat kawtelatorju bin-numru 134/18 - Manadat ta' Arrest ta' Bcejjec tal-Bahar ' il fuq minn ghaxar metri ezegwit fuq il-bastiment konvenut, fejn il-valuta tal-ewwel erba' fatturi jammontaw ghall-tlieta u tmenin elf, mija u hmistax-il euro u sitt centezmi (€38,115.06) – l-ammont imhallas ghan-nom tal-bastiment konvenut skont l-istruzzjonijiet tas-socjetà attrici, filwaqt li l-hames fattura tas-socjetà attrici hija ghal kollox ikkontestata sia fil-kontenut taghha, u sia fin-necessita taghha, stante li tali ammont mhux dovut mill-bastiment konvenut.*

3. *Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Semgħet it-trattazzjonijiet.

Rat lil kawża tħalliet għas-sentenza għal lum.

Ikkunsidrat

Illi din il-kawża titratta allegat dovut lis-soċjeta' attriċi ta' serviżżi marbut mas-settur marrittimu, saħansitra ħarget mandat ta' arrest fuq l-istess il bastiment konvenut.

Da parti tal-konvenut, dan ma jikkontestax id-dovut [4] pero jilqa' għax-xilja billi jressaq il-pagament tal-obligazzjoni, għalhekk l-estinzjoni tagħha.

[4] Għajr għal spejjeż legali u ġudizzjarji.

Ikkonsidrat

Is-soċjeta' attriċi, sal lum mhux riċeventi ta' l-allegat ħlas fuq l-istess pagament, dan għaliex is-somma ġiet versata ġo kont bankarju estranju għaliha li skont il-konvenuta għamlitu f'kont bankarju indikat lilha mill-attriċi.

Mill-atti jirriżulta lil konvenuta kienet suġġetta għal fenomenu fid-dinja ta' l-internet imsejjaħ *phishing*. Għalhekk il-konvenut bastiment n kwantu ħareg il-flejjes dovuti jargumenta li kien jispetta lil attriċi li tassigura l-inkolumita' ta' l-emails tagħha u l-informazzjoni ħierga mingħandha. Mentri l-attur noe jsostni li ladarba l-konvenuta kienet traskurata fl-imaniġarr tagħha lil min se taffettwa d-dovut, huwa għandu xorta jiġi pagat il-kreditu pendenti.

Qabel ma l-Qorti tibda biex teżamina l-fatti jkun opportun li wieħed jistabilixxi eżatt id-definizzjoni ta' dan il-fenomenu ta' 'l hekk imsejjaħ *phishing*.

L-Oxford jiddeskrivi hekk din l-attivita' hekk:- *"the fraudulent practice of sending emails or other messages purporting to be from reputable companies in order to induce individuals to reveal personal information, such as passwords and credit card numbers"*.

<u>Provi.</u>

In sostenn tat-talba tagħha s-soċjeta' attriċi ressqet bħala xhud lil **Raffaelle Orefice** li ddepona bil-lingwa taljana.[5]

Qal li hu kien ic-CEO tas-soċjeta' li kienet għal dawn l-aħħar għoxrin sena tieħu ħsieb tas-sicurezza informatilka. Din is-soċjeta' kienet ilha hekk inkarigata minn Luise Associates għal dak li kien *jirrgwarda '...la sicurezza informatica e tutte le infrastrutture IT.'*[6] <u>Żid li hu ma kienx dipendenti mis-soċjeta' attriċi</u>.

[5] Folio 96 et. seq.
[6] Folio 97

Għal mistoqsija *'Allora il-Luisa c'era qualche normalita', qualche problema con la sistema della IT.'* wieġeb *'No'*[7]

Spiega li Luise kellha struttura fuq Google Cloud li għażlet fis-sena 2016 għaliex kienet aktar *sicura* għax xogħol tagħhom. Igħid li minħabba l-attakki ta' *phishing* hu għażel li jqiegħed lil Luise fuq il-platform ta' Google Cloud. Igħid li konsegwenza ta' din is-sikurezza li tagħti Google Cloud kull utent li għandu aċċess fuq il gmail ta' Google Cloud għandu *a two layered security platform*. Igħid ukoll illi il-mument li jkun hemm vjolazzjoni ta' aċċess Google timblokka l-email.

Iżid li Luise kienet fis-sena 2017 qed turi avvertiment ta' *phishing fuq l-emails* tagħha. Igħid li kien hemm diversi blokki da parte ta' Google fuq attentati fuq Luise. Igħid li fid-dinja tal-yachting il-*phishing* kien kommuni ħafna allura kien issugerixxa din il-postilla ta' avertiment kontra dan.

Iżid li dak in-notament fl-emails ma kienx minħabba minaċċja vera li ġrat imma biex tinġibed l-attenzjoni. Għal dan jinsisti li '*assolotament si'* li ma kien hemm ebda minaċċja.

Spiega ukoll is-sistema ta' protezzjoni generata minn Google li ssaqsi għal code li tasal fuq SMS u jista' juża dak biss minn għandu dan l-aċċess.

Huwa kategorikement jeskludi li fuq l-isem Luisa kien hemm hacking. Jispjega li *'Le email erano inviate da un dominio sforviante Luise.com, se ci fosse stato un accesso ai sistemi Luise l Acer averebbe l..utilizzato lo stesso dominio Luise.com e non, invece ha creato un altro perche il sistema di Luise sono altamente prottete.'*

Jispjega olter *'Luise.com questo e il dominio di luise, l Acer ha utilizzato un altro dominio Lulise.com. se il sistema di Luise fosse, era statano bucati o acerati l Acer avrebbe utilizzato Luise.com. in oltre il phishing che ha venuto che ho studiato perche naturalment Luise mi ha interpellato per questo mi ha fatto capire che il procedimento ha venuto con questa cronologia Luise ha inviato l email all'*

[7] Ibid.

*cliente, il cliente inseguendo un momento a ricevuto una seconda email sa Lulise.'*[8]

Jinsisti li kienu dan kollu ġara lil Luise, din kienet tkun avżata ukoll li minħabba l-protezzjoni ta' Luise, l Acer kien qed jaqra l-emails tal-klijent mhux ta' Luise.

Igħid li huma saru jafu b'dan biss meta rċevew mingħand il-klijent li huma kienu affettwaw il-pagament.

Jinsisti li dan qatt ma kien ġara lil kljenti oħrajn.

Jinsisti li is-sistema Google kellha a *two layered verification system* li kienet tagħmilha waħda mill-iżjed sikuri ukoll li kien kważi imposibbli li dan jiġi vjolat. Jispjega li kieku l Acer kellu aċċess għal Luise l-email kienet tintbagħat mingħand Luise mhux minn fuq domain ieħor. Qal li dan kellu jkun ovvju għal pagant. Iżid ukoll li jekk il klijent ma kellux sistemi sikuri, dan ma kienx it-tort ta' l-attriċi.

Ikomppli jispjega hekk *'...se Acer ha avuto accesso all sistenma fatture Luise aveva accesso anche all email. Il-sistema infrastrutture di Luise chiuso in doppia N virto all private network altamente sicura e difficilmenet inviolabile e una rete cripata a due cento cinquamte sei bit. Oggi con il computer piu potente.'*[9]

Jinsisti li dak iż-żmien li okkora l-inċident ta' l-allegat *phishing*, Luise kienet munite bil computer '*...piu potente del epoca per violare una chiave pubblica c'avrebbe essero vent'anni, quindi una sicurezza naturalmente elevate.*' Jinsisti fuq dan billi jżid li kien magħluq anke il VPN (Virtual Private Network).

L-attur noe presenta ukoll lista ta' dokumenti li juru estratti senjatament mill-accounting ledgers ta' l-attur noe Dok CM2 CM3 u CM 4.[10] Ġiet esebita ukoll kopja ta' email riċeventi mill-attur noe li nbagħtet lilu mill-kaptan tal-vapur konvenut dwar id-dettalji tal-bank li fih il-konvenut għamel id-debita transfer tal-pagament għas-saldu, skont il-bastiment kif dirett mis-soċjeta' attriċi. .

[8] Folio 102
[9] Folio 108

[10] Folio 113-121

**Luise Massimo** jixhed permezz ta' affidavit [11] jitkellem dwar is-servizzi lis-soċjeta' Luise offrit lil bastiment konvenut, esebixxa ħames invoices tas-servizzi offruti. L-ammont totali ta' l-istess jammonta għal wieħed u erbgħin elf, ħames mija u wieħed u ħamsin ewro u sitta u sittin ċentezmu, (€41, 551.66)[12].

Jixhed li f'dawn l-istess invoices hemm indikat ċar id-dettalji bankarji fejn kellu jiġi affettwat il-pagament, id-Deutsche Bank Napoli.

Igħid li nonostante li ntbagħtu varji talbiet għal pagament baqgħu ma rċevew xejn. Ikompli illi lil kopja tal iswift transfer li ntbagħtet bħala prova ta' pagment mill-Kaptan David Farmery, ma issemix la isem il-kumpanija kreditriċi, la d-data ta' l-allegat pagament, ukoll illi dan il-pagament ma sarx fil-bank tas-soċjeta Liuse ċioe' Deutsche Bank Napoli. Minflokk il-pagament ġie affettwat lil benefiċjarju Victoria L.Heckathom għal ammont ta' €38,115.06). Dan mill-kont Union National Bank Abu Dhabi għal kont KBC Bank NV, Brussels.

Jagħmel referenza ukoll għal sensiela ta' emails mogħtija lilhom mill-Kaptan (esebiti bħal Dok PL3) li juru l-korrispondenza mibgħuta lil konvenut dwar il-pagamenti, inkluż dettalji bankarji allegatament provduti minn Omar Nosier, addett ma sid il-kumpanija u sid il-yacth. Pero jikkonferma li dawn qatt ma ntbagħtu minn Luise Associates S.r.l., li qatt ma kienet involuta f'din il-korrispondenza u li qatt ma tat struzzjonijiet li jiġi affettwati pagamenti f'dan il-kont ieħor għajr dak ġia ndikat.

Igħid ukoll illi d-dettalji bankarji provduti mill-Kaptan fejn allegatament il-konvenut affettwa l-pagament juri benefiċjarja lil Victoria L.Heckathom ġewwa Bank of America mhux fil-kont bankarju KBC Bank NV Brussels, li hu indikat fil-fatt fil-kopja ta' l-iswift transfer.

Iżid li fl-emails mibgħuta mill-Kaptan Farmery ma kienet tinkludi ebda invoice imma biss dettalji ta' bank ġdid, mentri jinsisti li kulll invoice minhom mibgħuta dejjem kellha id-dettalji tal-bank fejn kellu jiġi affettwat il-pagament

Igħid li Luise dejjem assigurat li tiprotegi lil klijenti tagħha minn attakki cyber frawdalenti anke in vista tal-fatt li kienet konoxxenti li propjetarji varji ta' vapuri oħra kienu ġew targeted minn scammers.

Fil-fatti jipproduċi disclaimer li kienet tintbagħat fl-aħħar ta' l-emails.

[11] Folio 128 dok ML1
[12] Ġia annessi mar-rikors ġuramentat

Iżid lil kaptan kellu jkun aktar konxxju u jkollu għarfien jekk irċeva email tindika bank differenti min dak indikat fl-invoices.

Xehdet **Manuele Vinaccia**[13]**,** mistoqsija fuq *hacking attempts* fuq l-email ta' Luise ma minn kienet impjegat qabel, wieġbet li hacking attempt kien okkorra qabel ma kien kellimha l-kaptan u kien għalhekk li beda joħrog dak il-warning fuq l-email ta' Luise Associates. Tgħid li dan l-avviz kontra l-hacking baqa' jidher għal xi sena. Pero tinsisti li dawn kienu *precautionary* u mhux reali. Iżid li huma saru konoxxenti ta' attentat ta' *hacking* meta rċevew kopja ta' l-email mingħand il-kaptan.

Tikkonferma, għalkemm ma kienetx taf meta, li kien hemm attentat qabel fuq klijent ieħor tagħhom.

Ix-xhud ma ftakkritx li hi kienet tkellmet mal Kaptan stante t-trapass taż-żmien.

Tikkonferma li kienu rċevew email oħra dak is-sajf tistaqsi dwar kjarifika minħabba pagament, dan mingħand agenżija grieka tal-Yachts. Tiftakkar biss b'dan l-inċident.

<u>Iżid u tippreċiża lil warning tal-hacking baqgħet dejjem fuq l-email ta' Lusie Associates.</u>

Da parti tal-konvenuta xehed il-**Kaptan David Farmery.**[14] Igħid li meta ġie appuntat Kaptan tal-yacht in kwistjoni ġie mitlub jara x'pendenzi kien hemm.

Ikkonferma mill-invoices li kien hemm pendenti u dovut tax-xogħol u servizzi mogħtija mis-soċjeta' attriċi. Għadda biex jikkontattja l-agenti tal-yacht li kellhom invoices pendenti u assigurahom li hu kien se jaffettwa l-ħlas. Igħid li minħabba li kien ilu jaħdem ta' Kaptan għal tlettin sena kellu relazzjoni tajba ma l-agenżiji nvoluti fosthom is-soċjeta' Luise.

Igħid li hu kellem lil Manuela Vinaccia ta' Luise Associstaes S.r.L fis-19 ta' Diċembru, 2017.

Igħid li wara din it-telefonata, hu tkellem ma Omar Noseir, is-Senior Financial Planning and Investment Manager ta' Bin Jabr Group of Companies, li skontu

[13] Quddiem l-Assistent Ġudizzjarju.
[14] Folio 151 permezz ta' affidavit.

kellha portfolio ta' attivitajiet fid-difiża, *hospitality, retail, construction, energy, manufactoring and real estate.*

Igħid li dan kien anke responsabbli għal vetting ta' invoices u awtorizzazzjoni tal-ħlasijiet fir-rigward tal yacht involut.

Igħid li hu rrikomanda li jitħallsu l-invoices. Jifhem li Noesir qabel u li dan għamel arrangamenti għal ħlas.

Fl-affidavit tiegħu jiċċita u jirriproduċi estratti ta' varji emails li mhux miktuba minnu. Dawn jidhru, għax mhux emails propja imma riproduzzjoni tagħhom, li fihom Noesir qed jingħata struzzjonijiet mingħand Luise Association biex jiġi adebbitat kont bankarju differenti minn dak l-ewwel indikat.[15]

Igħid li kien qed isir pressjoni ta' pagament minn naħa ta' l-attriċi anke għax din bdiet thedded li tmexxi legalment kontra l-bastiment. Għalhekk wara li tkellmu hu u Noesir ddeċidew li jiddepositaw id-dovut fil-kont bankarju l-ġdid lilhom indikat skontu fuq l-invoices l-godda li rċevew.

Igħid li ma kellhom ebda raguni biex jiddubitaw il-legittimita' ta' l-emails mibgħuta u lanqas li ma kienux ġejjien mingħand Manuela Vinaccia.

Igħid li ma kienx ta' barra minn hawn li sidien il-yachts ikollhom kontijiet bankarji f' pajjiżi differenti.

Iżid li sid il-yacht awtorizza il-pagament lil Luise Associates S.r.l. dan fit-2 ta' Jannar, 2018 fil-pagament totali tas-somma ta' €38.115.06 li ġie effettwat minn Saeed Al Suwaidi għal kont bankarju indikat, referenza saret għal dokumenti Dok DF1 u Dok DF2. **(Dawn l-aħħar dokumenti bħal l-email riprodotti ma juru xejn ħlief indikazzjoni ta' direzzjoni ta' transfer ta' fondi għal ġo kont bankarju indikat bil-beneficiary bl-isem ta' Victoria L.Heckathom, Dok DF1)**. Dawn l-istruzzjonijiet jidher li nħargu minn sid il-yacht. Mentri t-tieni dokument DF2 juru li mill-kont tas-sid inħargu l-flejjes indikati.

[15] Folio 152.

In kontro eżami jwieġeb[16] li hu fiż-żmien kien emmen li l-email fejn Vinaccia talbet pagament f'kont ieħor kienet verament mibgħuta mingħandha. Mistoqsi biex jippresenta kopja ta' din l-email insista li kienet ġiet mibgħuta lil Dr.Mifsud.

Igħid li ma kienx hemm raguni li ma jemminx li kienet ġejja minn Minaccia, anke għaliex kienet isegwi mill-istatements. Igħid ukoll li hu kien jaf lil dawn in-nies personalment u kien msaħħeb lil pagamenti jsiru sew.

Mistoqsi fuq il-fatt li kienu mitluba li jibgħatu l-flus ġo kont bankarju ieħor wieġeb *'Well as far as we were concerned it was Louisa account. And Omar...he was right on the point of sending the money in good faith and we were asked to send it to another account,..'*

Jiġi nnutat li hawn ix-xhud kien qed jagħmel referenza għad-dokument ġia riferut a folio 156.

Mistoqsi dwar il-fatt lil benefiċjarju kellu isem differenti, wieġeb li din kienet okkorrenza kommuni li jsir ħlas f'kontijiet varji.

Igħid ukoll lil pagament sar malajr, hu kien imsiefer pero li qal lil Omar li kellhom iħallsu malajr biex ma jsibux ruħhom ġo sitwazzjoni diffiċli. Insista li Omar bagħat il-flus in *good faith*.

Mistoqsi fejn fuq id-dokument DF1 kien hemm imniżżel l-isem tal-kumpanija, wieġeb li huma kien qed isegwu l-invoices. Ukoll li *' We paid in good faith, and it was done in good faith, and we were being pushed by who we considered Luisa, and from what they explained to us they were having auditing issues or the like; and like I say its not uncommon in yatching to have issues like that...'*[17]

Mistoqsi dwar fejn qal fl-affidavit tiegħu li Vinaccia qaltlu li kienu ġew *hacked,* fejn igħid li dan ġara apparently, igħid li hi ma kellha ebda prova, ma kienx hemm evidenza. Igħid *'...she didn't say that the system was hacked. I mean they did have a hacking warning on their emails from quite a long while ago on the bottom of their emails, but it was from the summertime, from 6 months...'*

Ukoll '*No, she didn't say anything about clients having problems or anything like that, just that they had a hacking notice on the bottom of their emails for a considerable amount of time; ....but it was-if they knew they had a hacking problem they should have done something about it, should they not? We were paying in good faith as far as we were concerned.'*[18]

[16] Folio 173
[17] Folio 176
[18] Folio 177

Iżid *' We were being pushed to pay; we were being pushed by them to pay. We were genuinely keen and intent on paying it as sooan as possible.'*[19]

Mitlub jispjega għaliex qal li Bin Jabar Companies kellha sistema ta' sigurta' għolja, wieġeb li fil-fatt dwar dan ma kien jaf xejn.

Mistoqsi meta reġgħu rċevew invoices issa bil-kont bankarju l-ġdid ivverifikawx is-sors ta' dawn l-emails, wieġeb *' You know at the time I wasn't really looking for a hacking problem, so we weren't even- we were trying to do this in good faith as quick as possibly could for them and to make sure they got paid, and to avoid the issue of being arrested, that was where we were at, and it was done at a time when I was on vacation, and Omar was as well, and we just wantd to get it done as soon as possible. So we weren't lacking at that; so far we were concerned, we replied to the poeple in good faith, and they replied to us straight back with the new invoices...and it was done in good faith as quick as we possibly could to avoid any furthur isses like this'*[20]

**Omar Noseir**, ġia msemmi presenta dikjarazzjoni ġuramentata.[21] Ikkonferma l-posizzjoni tiegħu fil- kumpaniji Bin Jabr Group. Igħid li hu kien responsabbli għal vetting finali tal-invoices u awtorizzazzjoni tal-pagamenti u dan fir-rigward tal-yacht Queen Mavia.

Igħid li David Farmery kien appuntat kaptan ta' l-istess yacht fl-aħħar ta' Ottubru, 2017. Ukoll li miegħu iddiskuta xi invoices pendenti għal pagament uħud minnhom dovuti lis-soċjeta' attriċi.

Igħid li wara li saru d-debita verifiki tad-dovut ġie awtorizzat il-ħlas lil Luise. Pero qabel ma ġie affettwat il-pagament saret talba mingħand l-attriċi u dan kontra invoices ġodda, għal pagament ġo kont bankarju differenti minn dak l-ewwel indikat lil konvenuti.

Igħid li wara li ddiskuta mal-Kaptan ġie deċiż li għandu jsir il-pagament.

Iżid lis-sid tal-yacht ġie infurmat u approva il-pagament lil attriċi *in full and final settlement*, dan a favur Victoria L.Heckathom benefiċċjarju ġdid indikat.

[19] ibid
[20] Folio 179
[21] Folio 159

Igħid li fil-25 ta' Jannar, 2018 il-kaptan infurmah lil yatch kien ġie arrestat ġewwa Malta għad-dovut.

Igħid li Luise kienu qed jallegaw li ma kienux riċeventi ta' flejjes. Iżid li sa fejn jirrigwarda lilhom huma kienu affetwaw il-pagament dovut.

In kontro eżami[22] jwieġeb u kkonferma li huma rċevew invoices b istruzzjonijiet li jħallsu f'kont bankarju gdid. Igħid ukoll li hu għadda biex iħallas in good faith.

Wieġeb li fl-esperjenza tiegħu darba li jirċievi struzzjonijiet ta' pagament qatt ma jivverifika dawn l-istruzzjjonijiet. Igħid kieku jagħmel hekk qatt ma jeħles minn xejn. Anzi jgħid għax kien yacht privat, il-kont għalih ma kienx jagħmel differenza. Ma kellu ebda *red flag*.

Igħid li darba li ħareg il-pagament u ma semgħu xejn akatr għalih kien kollox sew, imbagħad sabu l-arrest tal-vapur.

Baqa' insitenti li kien kommuni lis-suppliers jibdlu l-bank account tagħhom.

**Saeed Saif Jaber Jumaa Al Suwaidi** presenta ukoll dikjarazzjoni ġuramentata.[23]

Jgħid li hu kellu *beneficial interest* fil-yacht in kwistjoni. Jikkonferma lil Kaptan ġie inkarigat li jivverifika xi pagamenti pendenti. Għalhekk wara lil kapatn approva dawn l-invoices Ommr Noseir talab awtorizzazzjoni għal pagament tas-somma ta' €38.115.06) a favur Victoria L.Heckathom u dan għas-servizzi mogħtija minn Luise Associates.

Igħid li hu approva l-pagament tas-somma ndikata mill-kont tiegħu lil benefiċċjarju indikat u dan skont struzzjonijet riċevuti mingħand l-attriċi.

In kontro eżami jwieġeb[24] li kien Omar Noesir li kien responsabbli mill-accounts. Ukoll li hu ma kellu ebda kuntatt ma Luisa, li lanqas kien biss jaf l-ismijiet tal-crew tal yacht tiegħu.

Igħid li hu biss awtorizza l-pagament.

Ikkonsidrat.

[22] Folio 182
[23] Folio 163
[24] Folio 186

Il-pern ta' din il-kwistjoni huwa wieħed; jekk il-pagament li għamel il-bastiment konvenut issaldax il-kreditu dovut lis-soċjeta' attriċi nonostante li dan sar lil benefiċjarju xejn relatat mal-kreditur, tant lis-soċjeta' attriċi għada sal lum tippretendi u titlob il-ħlas.

Insibu li ingħad dan fir-rigward u hawn il-Qorti se tiċċita fit-tul mill-pubblikazzjoni tal-ferm imgħallem u llum mikbi **Imħallef Ph.Sciberras** in tematika:[25]-

*"Illi tajjeb wieħed iżżomm quddiem għajnejh li d-difiża tal-imħarrek f'din il-kawża tissejjess fuq l-eċċezzjoni tal-ħlas imwettaq (exceptio solutio). Illi huwa magħruf li eċċezzjoni bħal din hija waħda mit-toroq li debitur tal-obbligazzjoni jista' jagħżel biex jeħles minn talba tal-kreditur tiegħu għall-ħlas ta' l-obbligazzjoni. Fiha nnifisha dik l-eċċezzjoni timplika s-siwi ta' l-obbligazzjoni (Art 1147(1) tal-Kap 16) u t-twettiq tagħha min-naħa tad-debitur (Artikolu 1146 tal-Kap 16). Billi l-ħlas huwa wieħed mill-modi magħrufa mill-liġi (Art1145(a) tal-Kap 16) kif jintemmu l-obbligazzjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ħlas jekk tirnexxi, ġġib magħha ċ-ċaħda tal-pretensjoni tal-kreditur li jibqa' jinsisti għall-ħlas, (jiġifieri t-twettiq ta' l-obbligazzjoni). Minħabba f'hekk ukoll – apparti l-applikazzjoni tal-massima proċedurali li min jallega irid jipprova – meta d-debitur jallega l-ħlas jaqa' fuqu d-dmir li jissodisfa lill-Qorti li dan kien tassew il-każ, u ma jkunx l-obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju. Biex tali eċċezzjoni tilħaq l-għan tagħha, jeħtieg ukoll li jintwera li l-ħlas ikun sar lil persuna li tassew kienet awtorizzata bil-liġi li tircevih.* ***(P.A. 14.3.1957) fil-kawża fl-ismijiet Żammit vs Montanaro Gauci noe et (Kollez. Vol. XLIii.930)."***

Ikkunsidrat

Ġia mill-kontestazzjoni tal-bastiment/yacht għal proċedura bi smiegħ sommarju, hekk imsejjħa ġiljottina, ukoll fl-eċċżżjonijiet mressqa, il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni tal-ħlas, għajr għal hames fattura li qed tiġi kkontestata kemm fl-ammont ukoll għan-neċessita' tagħha.

Kif ingħad *supra* il-pagament huwa mod *ex lege* kif tinqatel l-obbligazzjoni. Fih innifsu jimplika ukoll l-aċċettazzjoni tal-kreditu. Għalhekk darba lil-bastiment

[25] L-ALFABETT Tal-Kodiċi Ċivili Vol-P-Q paġna 9

qed jeċepixxi l-ħlas fl-ammont tas-somma €38,115.06 hu meqjus li kien aċċettanti ta' dan il-kreditu dovut.

Mhux ikkontestat lanqas li l-attriċi ma rcevitx il-ħlas dovut lilha. In kwantu għal prova ta' dan ġew esebiti estratti mill-*accounting ledgers* tagħha li juri l-mankanza tal-ħlas. Il-konvenut pero jinsisti li hu ħallas lil benefiċjarja Victoria L.Heckathom fuq struzzjoni li rċeva mingħand il-kreditur tiegħu, dan huwa għal kollox rifjutat u kkontestat mill-attriċi.

Jidher, u dan kif ikkonfermat mill-pagant sid/benefiċċjarju tal-Yacht lis-somma msemmija ħarġet mill-kont tiegħu u ġiet versata għand il-benefiċjarja imsemmija, pero din skont l-attriċi hija estranea għaliha. Di piu l-attriċi tinsisti li hi qatt ma tat instruzzjonijiet lil ħlas isir fil-kont lid-debitur ivversa l-pagament.

Jirriżulta ukoll, li nonostante dak li xehed Farmery il-Kaptan tal-Yatch, li l-emails li kienet qed tibgħat is-soċjeta' attriċi, bl-aviż ta' ġbid ta' attenzjoni ta' hacking, li dan kienet tagħmlu bħala prekawzjoni għax kienet *aware* li dan kien jiġri u ġara fil-kamp li kienet topera fih. Ma nġabet ebda prova soda li l-attriċi kellha xi problema fir-rigward.

L-atriċi da parti tagħha resqet xhud, Raffaelle Orefice li ddeppona dwar is-sikurezza li kienu jgawdu l-emails mibgħuta mis-soċjeta' attriċi. Tant li spjega li kieku kien hemm hacking fuq l-emails tas-soċjeta kreditriċi hi kienet munita b'sistema li kienet tavżaha b'dan.

Min naħa l-oħra da parti tal-konvenut ma tressqet ebda tali prova biex turi li minn kien riċeventi tal-email mingħand Manuele Vinaccia ma kienx suġġett u vittma tal-fenomenu tal-*phishing* bil-konsegwenza li rċeva emails fażuli mhux generati mis-soċjeta' attriċi.

Il-Qorti tara ukoll lil konvenut għalkemm jitkellem fuq l-emails li suppost irċeva mingħand l-attriċi bil-bdil tal-kont bankarju u jixhed li hu kien **irċeva invoices ġodda b'dan il-kont ġdid indikat**, li qatt ma rriproduċa l-istess biex b'hekk il-Qorti tara min fejn verament ġew generati.

Tqies fil-fatt, u dan joħrog ċarissimu mix-xhieda tal-Kaptan Farmery, li rinfaċċati bit-theddida ta' azzjoni legali, prinċipalment l-arrest tal-yacht, huma għaġġlu biex jaffettwaw il-ħlas. Kien ċar dwar hekk fix-xhieda tiegħu l-istess Kaptan.

Igħid Noesir li kien kommuni f'dan il-kamp ta' attivita' li jinbiddel l-kont bankarju fejn kellu ssir il-ħlas, pero dana waħdu ma jeżonerax mill-fatt li kellhom

ikunu ċerti fejn kien se jmur il-ħlas mitlub. Minflokk naraw li f'estratt riproduzzjoni ta' email partikolari li suppost bagħat Omar Noesir, insibu li hu kien qed jikkontesta lil pagament isir dirrettament ġol kont tas-sid il-yacht u biex jaħrab it-tehdid tal-kreditur tiegħu, għadda biex jagħmel dan.

Fil-fatt insibu kif riprodott fl-affidavit ta' Farmery kif jirrispondi Omar Noesir-

*'I was happy to pay you untill you asked me not to pay because you want us to pay directly into your owner's bank account to receive a bigger grant from your goverment. This doesn't concern me however before paying into your owner's bank account I need our Captain's approval and I need to ensure I am not legally responsible in aiding you to mislead your govement'*[26]

Tqies li ġia minn din l-email hu ċar li kellu jkun hemm *alert* ċara li xi ħaga ma kienetx qed tinkwadra sew, aktar fid-dawl tal-fatt lil-kreditur hawn kienet is-soċjeta' mhux individwu anke jekk inżerta l benefiċċjarju tal-yacht. Tant li l-istess Noesir kien anke dubbjuz jekk dan il-pagament kienx wieħed li kellu togħma lleċita'. Il-konvenut xorta pero għadda biex jivversa l-pagament nonostante ċioe'.

**Tqies li kien jispetta lid-debitur li juri għaqal u diliġenza fir-rispett tal-kreditur tiegħu u kif kellu jissodisfa l-obbligazzjoni. Hu frott tal-għaġla naqas f'dan.**

Tibqa' kkontestata s-somma ta' €3.436,60 lil kreditur qed jitlob qua spejjeż legali. Dawn jidhru mid-dokument Dok E[27] esebit mill-attur noe. Dawn huma spejjeż legali u extra ġudizzjarji marbuta ukoll ma l-arrest tal-vapur konvenut inkwantu nuqqas ta' ħlas. Tqies li dawn huma ġustifikati n kwantu dak li okkorra.

**Konsegwentement il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi kif ġia ngħad tiċħad l-ewwel talba attriċi**

**Però tilqa' t-tieni u t-tielet talba ta' l-attur noe u;**

**Tiddikjara illi l-bastiment intimat huwa debitur tas-soċjetà' rikorrenti Luise Associates S.r.l fis-somma ta' wieħed u erbgħin elf, ħames mija u wieħed u ħamsin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€41,551.66) għal diversi servizzi**

[26] Folio 153, kif riprodotta fl-affidavit tal-Kaptan Framery.
[27] Folio 37

**mogħtija lil bastiment M/Y Queen Mavia matul li kien jinsab irmiġġat ġewwa l-Italja matul ix-xhur ta' Awwissu u Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017)**

**Ukoll**

**Tikkundanna lill-bastiment intimat sabiex iħallas lis-soċjeta' rikorrenti Luise Associates S.r.l. is-somma ta' wieħed u erbgħin elf, ħames mija u wieħed u ħamsin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€41,551.66) kif hawn fuq deċiż.**

**Bl-ispejjeż ta' din l-istanza u mgħaxijiet legali sal-pagament effettiv a karigu tal-konvenut.**

**Onor. Miriam Hayman.**

**Imħallef**

**Maraya Aquilina**

**Dep Reġ.**